# Il-Verbi Maltin Onlajn

## Gwida għall-Istudenti u l-Għalliema tal-Malti u tal-Malti bħala Lingwa Barranija

**Antoinette Camilleri Grima u Jacqueline Żammit**




L-Università ta' Malta

um.edu.mt/projects/verbimaltin

Kitba u Pubblikazzjoni ta’

Antoinette Camilleri Grima u Jacqueline Żammit

Indirizz elettroniku: verbimaltin@um.edu.mt

Copyright © Antoinette Camilleri Grima u Jacqueline Żammit, 2025

Dan il-ktejjeb ma jistax jinbiegħ, jiġi stampat jew fotokopjat b’xi mod, mekkaniku, elettroniku jew diġitali, mingħajr il-permess bil-miktub tas-sidien tal-copyright.

ISBN: 978-9918-0-1095-0

**Xi ssib f'dan il-ktejjeb**

**Paġna**


| | | |
|---|---|---|
| Il-kelma tar-Rettur, il-Prof. A. Vella | | 2 |
| 1. | Introduzzjoni | 3 |
| 2. | Il-ħtieġa tal-id umana | 5 |
| 3. | Xi punti dwar il-verb Malti fit-tagħlim | 6 |
| 4. | Is-sit tal-verbi | 8 |
| 5. | Kif jista' jintuża s-sit mal-istudenti | 12 |
| 6. | L-awgurju tagħna | 21 |
| 7. | Kelmtejn minn għalliema tal-Malti | 22 |
| 8. | L-imħabba għall-Malti | 23 |

**Il-Kelma tar-Rettur, il-Professur A. Vella**

Għandna sitwazzjoni kurjuża f'pajjiżna fejn l-inkapaċità li wieħed jikteb b'mod korrett il-Malti mhix meqjusa bħala problema. Anzi, dlonk hawn min ikun lest jistqarr u mingħajr mistħija, li '*m'iniex tajjeb fil-Malti, aħjar nikteb bl-Ingliż*'. U kważi t-tort nagħtuh lill-esperti lingwistiċi li għamlu l-ortografija Maltija tqila wisq. Mhux biss il-popolin imma saħansitra anke l-intellettwali u l-professjonisti donnhom iħaddnu din l-opinjoni. In-nies iħarbxu kif jidhrilhom it-*texts* u ċ-*chats* mingħajr ma jinkeddu, l-aqwa li jinqdew. Għall-istudenti żgħar u żgħażagħ hi storja oħra, għaliex hemm l-eżami tal-Malti li jixprunahom sabiex isiru kapaċi jiktbu bil-lingwa tagħhom b'manjiera dinjituża li tagħmlilhom ġieħ. Għal dawn, din ir-riżorsa onlajn hi waħda utilissima u f'waqtha, għax minbarra li hi ta' kwalità għolja, prodott ta' esperjenza u perizja eċċellenti, se tgħinhom ukoll b'mod li għalihom hu "naturali", peress li dejjem għexu f'dinja diġitali.

Nispera li din il-gwida onlajn tintuża wkoll minn dawk li diġà jaħdmu u joperaw f'oqsma varji fis-soċjetà biex jitħajru jużaw aktar il-Malti bħala mezz komdu ta' komunikazzjoni professjonali. Aktar ma dak li jinkiteb ikun mirqum u mingħajr żbalji, aktar iħajjar biex l-użu tal-Malti jsir il-prattika ta' rutina u prassi normali f'pajjiżna. Filwaqt li nirringrazzja mill-qalb lill-kollegi tiegħi fl-Università ta' Malta awturi ta' dan ix-xogħol siewi, nawgura li n-numru ta' lemmi f'din il-ġabra diġitali jikber sewwa sabiex din ir-riżorsa ssir iktar b'saħħitha u ta' użu ġenerali.

A.J. Vella

Rettur, L-Università ta' Malta

## 1. Introduzzjoni

Dan il-ktejjeb jispjega proġett imsejjaħ 'Maltitek' li sar fl-Università ta' Malta sabiex jiġi stabbilit sit tal-verbi Maltin li jkun jista' jintuża fit-tagħlim tal-Malti mill-għalliema u mill-istudenti, kif ukoll minn kull min jikteb bil-Malti. L-idea ta' dan il-proġett ħarġet mill-ħtieġa li l-lingwa Maltija tkompli dejjem tistagħna b'riżorsi li jgħinu lil kull student u utent fil-ħtiġijiet ta' tagħrif u tiftix dwarha. Mhux l-ewwel darba li bħala edukaturi tal-Malti ntlabna minn diversi persuni, anke minn uħud li ma kellhom x'jaqsmu xejn mas-sistema edukattiva, biex infissrulhom xi ħaġa dwar il-verb, speċjalment kif jinkitbu l-verbi bil-'għ'. Meta mbagħad beda jiżdied it-tagħlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija, aktar kibret il-ħtieġa li jkollna għodda li tħaffef it-tagħlim tal-verb bil-Malti. Fost oħrajn, dan għaliex il-verb, b'mod partikolari, joffri sfidi ta' natura partikolari.

Snin ilu kienet nibtet l-idea li naħdmu fuq ktieb tal-verbi simili għall-*Bescherelle* tal-Franċiż[1] u l-ġabra tal-verbi tat-Taljan[2]. Iżda sadanittant kienu għaddejjin minn moħħna żewġ ħsibijiet. Min-naħa waħda konna qed naraw li minħabba li n-natura tal-verb bil-Malti hija ferm differenti minn ta' dawn iż-żewġ lingwi, fil-format ta' ktieb stampat kien se jkollna bżonn ta' ħafna volumi. Fl-istess ħin, kien hemm it-tixrid b'rata mgħaġġla tal-użu diġitali li seta' jħaffef it-toqol u l-kobor tal-ammont tax-xogħol fuq il-karta.

B'xorti tajba, nhar is-7 ta' Settembru 2017, irċevejna stedina mingħand il-Professur Claudia Borg mid-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali, biex nikkollaboraw fuq proġett għat-tagħlim tal-Malti b'mod diġitali. Aħna mill-ewwel ħtafna din l-opportunità u aċċettajna. Aħseb u ġib lil min jaħseb, fassalna programm għal dan il-proġett li stajna naħdmuh bil-għajnuna ta' fondi mill-Università ta' Malta li jingħataw għal riċerka msejħa 'Seed Fund'. Diġà kien sar attentat biex il-konjugazzjoni tal-verbi bis-suffissi tiġi ġġenerata b'mod diġitali[3]. Iżda kien jonqos ħafna xogħol biex ikollna prodott li jista' jintuża b'moħħna mistrieħ. Nispjegaw aħjar fit-Taqsima 2.

Kellna nimxu pass pass, sena wara sena, sabiex issa, fl-2025 nistgħu ngħidu li s-sit jista' jintuża b'mod miftuħ. Fl-ewwel fażijiet tat-tfassil u t-twettiq tas-sit ippruvajna naraw kif jaħdem fil-prattika. Ħafna drabi ħabbatna wiċċna ma' problemi tekniċi li kienu jieħdu l-ħin biex jiġu kkoreġuti, u ma kinux jiddependu

[1] Arrivé, Michel (1997). *Bescherelle. La conjugaison pour tous*. Hatier.
[2] Chiuchiù, A., Fazi, M. C. & Bagiati, M. R. (1983). *I verbi italiani*. Guerra Edizioni.
[3] Camilleri, J. J. (2013). *A computational grammar and lexicon for Maltese*. MSc thesis. Chalmers University of Technology.

minna iżda minn persuni tekniċi, fosthom mid-Dipartiment tal-IT fl-Università. Għamilna studju pilota ma' gruppi ta' studenti tal-Malti u tal-Malti bħala Lingwa Barranija, kif ukoll ma' gruppi ta' għalliema, biex naraw x'użu jsibu għal dan is-sit u jekk hux qed jaqdihom fil-ħtiġijiet tagħhom (Żammit, 2022[4]; Żammit u Camilleri, 2024[5]). Minn hawn ħareġ ċar li biex wieħed jgħaddi mit-teorija għall-prattika dejjem irid ikun hemm proċess.

Kien hemm żmien meta ltqajna ma' problemi finanzjarji. Iżda fl-aħħar mill-aħħar issa lħaqna l-mira li nippreżentaw is-sit għall-użu b'mod miftuħ. Fit-Taqsima 4 nispjegaw x'hemm fis-sit u kif wieħed jista' jfittex fih, waqt li fit-Taqsima 5 noffru diversi ideat għall-użu tas-sit fil-klassi waqt it-tagħlim tal-Malti.

Biex wasalna s'hawn kellna l-kollaborazzjoni ta' wħud minn sħabna li, min għal sena waħda u min għal aktar, offrew xi flus tar-riċerka tagħhom biex jiddaħħlu dejjem aktar verbi fis-sit u biex kull verb ikun iċċekkjat sew. Nixtiequ nsemmuhom hawnhekk f'ordni alfabetika bħala sinjal ta' ringrazzjament: Dr Anne Marie Bezzina, Prof. Sandro Caruana, Dr Tania Muscat, Prof. Mario Pace, Prof. Doreen Spiteri u Dr Phyllisienne Vassallo.

Barra minn hekk, nirringrazzjaw lill-għalliema li ħadmu magħna biex jimtela u jiġi ċċekkjat dan is-sit: Franklyn Baldacchino, Carmel Bezzina, Amy Calleja, Jake Debattista, Joseph Charles Galdes, Janica Magro, Sarah Scicluna, Kurt Slattery u Mary Spiteri.

Dan il-proġett ma setax jitwettaq mingħajr il-gwida tal-Professur Claudia Borg mid-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-ħidma ta' Dr Marc Tanti mill-Istitut tal-Lingwistika u t-Teknoloġija tal-Lingwa.

Nirringrazzjaw ukoll lis-segretarja tad-Dipartiment tal-Lingwi u l-Istudji Umanistiċi fl-Edukazzjoni, is-Sa Tiziana Gilson li tieħu paċenzja bina kull darba li jkollna bżonn nikkomunikaw mal-uffiċċju tal-finanzi tal-UM.

Min ikun jixtieq jikkomunika magħna jista' jagħmel dan billi jikbilna fuq l-indirizz elettroniku: verbimaltin@um.edu.mt

Nawguraw lill-utenti ta' dan il-ktejjeb u tas-sit vjaġġ interessanti u ta' fejda mal-lingwa Maltija.

---

4 Żammit, J. (2022). Application of 'Ġabra' online dictionary for international adults learning Maltese. *Computer Assisted Language Learning, 35*(4). https://doi.org/10.1080/09588221.2022.2077765

5 Żammit, J. & Camilleri, P. (2024). Personalising Learning in Maltese - Exploring International Students' Expectations Towards Ġabra Online Lexicon. *English Language Teaching 17*(3), 1-18.

## 2. Il-ħtieġa tal-id umana

Il-pedament ta' dan il-proġett kien ix-xogħol ta' Camilleri (2013)[6], li żviluppa programm li jiġġenera l-verbi bil-konjugazzjonijiet tagħhom. Iżda, minkejja li jeżisti dan il-programm komputazzjonali, il-forom li jiġġenera ma jkunux kollha preċiżi skont l-użu fil-Malti u għalhekk kienet meħtieġa l-id umana.

Fost l-għeltijiet ta' sistema awtomatika li tiġġenera l-kliem, primarjament verbi bl-affissi abbażi ta' regoli kkodifikati, iltqajna ma' każijiet kif se nispjegaw hawnhekk. X'uħud mill-iżbalji jirriżultaw minħabba s-sistema fonetika tal-Malti (ara l-punti 'i' u 'ii'), u oħrajn minħabba r-regoli ortografiċi (ara l-punti 'iii' u 'iv').

i. Bidla fil-vokali ta' xi verbi
   Eż. is-sistema tiġġenera 'ċekkinthomlek' minflok 'ċekkinthomlok'
   Is-sitema tiġġenera 'darbetlek' minflok 'darbitlek'
   Is-sistema tiġġenera 'informajnak' minflok 'informajniek'

ii. Nuqqas ta' vokali
   Eż. is-sistema tiġġenera 'informajtlhomx' minflok 'informajtilhomx'

iii. Vokali 'ie' minflok 'i'
   Eż. is-sistema tiġġenera 'żviluppajniehulhomx' minflok 'żviluppajnihulhomx'

iv. Iddaħħal l-'għ' fejn ma tinkitibx
   Eż. Is-sistema tiġġenera 'demmgħax' minflok 'demmax'

v. Tiġġenera forom li ma jeżistux
   Eż. Is-sistema tiġġenera 'informajnanix', 'niżviluppu', 'darbuek'.

Kien hemm għalhekk il-ħtieġa li kulma jidher fis-sit ikun ikkoreġut. Dan sar minna t-tnejn u mill-grupp ta' għalliema msemmijin qabel. Xogħol metikoluż u li jieħu ħafna ħin. Barra minn hekk, wara li kienet issir l-ewwel dawra ta' ċċekkjar, kull verb kien jgħaddi għand għalliem ieħor jew oħra għat-tieni fażi ta' eżaminazzjoni biex hekk żgur li s-sit ikun korrett.

[6] Camilleri, J. J. (2013). *A computational grammar and lexicon for Maltese*. MSc thesis. Chalmers University of Technology.

## 3. Xi punti dwar il-verb Malti fit-tagħlim

Waħda mill-ewwel diffikultajiet li jiltaqa' magħha student tal-Malti bħala Lingwa Barranija (MLB) huwa l-fatt li l-verb fil-Malti m'għandux il-forma tal-infinittiv. Biex wieħed isib it-tifsira ta' verb fid-dizzjunarju jista' jfittex biss jekk ikun jaf il-mamma. Biex tkompli tagħqad, minħabba li l-mamma tal-verb hija fil-perfett, u l-verb fil-perfett ma jiġix mgħallem fl-ewwel xhur ta' kors fil-MLB, l-utent ikollu diffikultà biex jifhem dak li jisma' jew jaqra għax ma jkunx jaf kif ifittex it-tifsir fid-dizzjunarju. Iżda issa, l-ewwel għajnuna l-istudent jista' jsibha f'dan is-sit, għax jista' jfittex it-tifsira bil-forma li jrid, anke jekk għandha s-suffissi, u anke jekk tinsab fil-forma tan-negattiv.

Kwalità oħra tal-verbi Maltin hija li dawk li oriġinaw mill-Għarbi jinbnew fuq l-għerq, li jista' jkun trilitteru jew kwadrilitteru, filwaqt li l-verbi l-oħra jinbnew fuq iz-zokk morfemiku. B'relazzjoni mal-għerq u maz-zokk insibu l-forom l-oħra bħall-parteċipju, in-nom u l-aġġettiv. Biex student Malti jidentifika l-għerq u z-zokk, kif jintalab fit-taħriġ fl-iskejjel u fl-eżamijiet, huwa importanti li jkun jaf il-verb u l-forom tiegħu tajjeb. Naturalment, student tal-MLB irid ifittex din l-informazzjoni għax ma jkunx jafha peress li ma jkunx familjari mal-Malti. Issa, kemm l-istudent Malti kif ukoll l-istudent tal-MLB jista' jsib l-għajnuna dwar l-għerq u l-mamma f'dan is-sit. Iz-zokk ikun irid jiġi identifikat b'relazzjoni mal-forom tal-partijiet tad-diskors l-oħra.

Meta niġu għall-konjugazzjoni tal-verb, waqt li fl-imperfett insibu ċerta rikorrenza fil-forma ta' ħafna verbi, fil-perfett m'hemmx mudell wieħed li l-istudent jista' jistrieħ fuqu. Barra minn hekk, f'ħafna verbi, l-imperfett jinbena fuq il-forma tal-imperattiv, u l-imperfett jintuża wkoll billi nużaw 'se' jew 'ħa' quddiemu biex nesprimu l-futur, u biż-żieda ta' 'qed' biex nesprimu azzjoni li qed isseħħ waqt il-mument tat-taħdit, jew li tkun rikorrenti fil-mument tat-taħdit. Għalhekk, kif urietna r-riċerka xjentifika (eż. Camilleri Grima, 2015[7]; Camilleri Grima & Żammit, 2020[8]), jagħmel ħafna sens li l-istudent tal-MLB l-ewwel jitgħallem l-imperattiv u l-imperfett u wara l-forom ikkonjugati tal-perfett tal-verb. Issa, permezz ta' dan is-sit, anke jekk l-istudent ikun għadu fil-fażijiet tal-bidu, ikun jista' jaċċessa l-konjugazzjonijiet kollha tal-verbi li hemm fis-sit.

---

[7] Camilleri Grima, A. (2015). Exploring the acquisition of tense and aspect by adult foreign learners of Maltese. *Malta Review for Educational Research*, 9(1), 57-77.

[8] Camilleri Grima, A., & Żammit, J. (2020). The acquisition of verbal tense and aspect in Maltese by adult migrants: Implications for pedagogical grammar. *Journal of Multilingual Theories and Practices*, 1(2), 149-167.

Fil-Malti nużaw ukoll il-katina tal-verbi, hekk li jista' jkollna lista ta' verbi wara xulxin, x'uħud fil-perfett u oħrajn fl-imperfett fl-istess katina, li jesprimu idea sħiħa. Nieħdu żewġ eżempji: 'nixtieq nista' noħroġ nimxi' u 'stajt mort niġri nixtri'. M'għandniex xi ngħidu, katina ta' verbi bħal dawn hija diffiċli għal student tal-MLB, anke meta tkun sempliċement magħmula minn 2 jew 3 verbi, bħal, 'stajt mort nixtri', fejn l-ewwel 2 verbi huma kkonjugati fil-perfett u t-tielet wieħed fl-imperfett, aħseb u ara meta jkollok anke sa 8 verbi wara xulxin, bħal fl-eżempju, 'kont ridt nerġa' nibda nipprova nara jirnexxilix naqbadhom' (Azzopardi, 2020[9]).

Fil-Malti nsibu wkoll għadd ta' verbi komuni ħafna li jikkonjugaw ruħhom fl-imperfett biss, u bil-pronomi mehmużin. Borg (1988[10]) isejħilhom 'irregolari'. Insibu eżempji minn dawn bħal 'jismu', 'kunjomu', 'għoddu' u 'fadallu'. Camilleri (2011[11]) tirreferi wkoll għall-'verbi impersonali'. Dan kollu mingħajr ma nsemmu l-morfoloġija tal-verb semitiku u l-għaxar forom.

Li semmejna hawn fuq forsi ma joffrix sfida insormontabbli għal student jew kittieb li trabba jitkellem bil-Malti, speċjalment jekk jieħu l-interess u jmidd għonqu għal ftit studju. Ħafna drabi, iżda, anke għalih tibqa' l-problema tar-regoli ortografiċi. Fil-fatt, anke fejn tidħol l-ortografija issa dan is-sit huwa ta' għajnuna kbira għax wieħed isib il-verb ikkonjugat miktub bil-lest b'mod korrett. Mill-banda l-oħra, għall-istudenti tal-MLB dan li semmejna hawn fuq, kif ukoll l-ortografija, huma ta' sfida tant kbira li tista' faċilment taqtgħalhom l-aptit li jikkomunikaw bil-Malti, u iżjed u iżjed li jistudjawh (Żammit, 2021[12]; 2024[13]).

Għalhekk dan is-sit għandu jkun ta' appoġġ sħiħ għal kull min hu interessat fil-lingwa Maltija. Dan għax jimla vojt kbir li kien jeżisti għal kull min ma jħossux sigur mil-livell li laħaq fil-Malti, b'mod partikolari fit-tħaddim tal-verb, li hu kruċjali fis-sistema lingwistika. Naturalment, jibqa' bżonnjuż tagħlim ieħor, bħalma nsibu fil-qasam tal-ortografija, tal-grammatika u tas-semantika, fost oħrajn.

---

[9] Azzopardi, K. (2020). Il-verbi f'sekwenza fil-Malti. *Riċerkaturi*, 2, 9-19.

[10] Borg, A. (1988 ). *Ilsienna: Studju grammatikali*. Has Sajjied.

[11] Camilleri, M. (2011). On pronominal verbal enclitics in Maltese. In S. Caruana, R. Fabri & T. Stolz (eds) *Variation and Change* (pp. 131-156). Bremen: Akademie Verlag.

[12] Żammit, J. (2021). Maltese as a second language: learning challenges and suggested teaching strategies. *Malta Review of Educational Research, 15*(2), 197-220.

[13] Żammit, J. (2024). Deciphering the intricate nature of learning Maltese verbs through Chaos/Complexity theory. *Malta Review of Educational Research (MRER), 18*(1), 99–120.

## 4. Is-sit tal-verbi

Hekk kif tidħol fis-sit https://www.um.edu.mt/projects/verbimaltin/home.php

se tara l-lista tal-ittri tal-alfabett kif ukoll kaxxa li fiha tista' tikteb il-verb, ikkonjugat jew mhux, li tixtieq tfittex, hekk:




Jekk tagħfas fuq xi waħda mill-ittri tal-alfabett, titla' lista tal-verbi fil-mamma li ssib fis-sit u li jibdew b'dik l-ittra. Hawn għandek eżempju tal-ittra H:




Fil-każ tal-ittra H hemm biss verb wieħed fil -lista sa issa. Iżda hemm ittri oħra tal-alfabett li għandhom lista twila ta' verbi u allura f'dak il-każ tkun tista' tagħfas fuq il-kaxxa li ssib isfel nett biex minn paġna numru 1 tmur għall-paġni ta' wara. Ħdejn kull verb issib fil-parentesi l-ittri tal-għerq. Fil-każ tal-verb 'heżżeż' l-ittri tal-għerq huma 'h-ż-ż'. Jingħataw ukoll it-tifsiriet kollha bl-Ingliż li jista' jkollu dak il-verb, kif ukoll l-ewwel sett ta' konjugazzjonijiet fil-persuni kollha fl-imperfett. Jekk tagħfas fuq il-kliem 'see all...', is-sit jagħtik aktar konjugazzjonijiet hekk:

## heżżeż

| | |
|---|---|
| **Part of speech** | VERB |
| **Radicals** | h-ż-ż |
| **Senses** | • to shake<br>• to agitate<br>• to quake<br>• to upset |

Aspect: Perfective

Direct object:

Indirect object:

| Subject | Positive word | Negative word |
|---|---|---|
| **p1 sg (jiena)** | heżżiżt | (ma) heżżiżtx |
| **p2 sg (inti)** | heżżiżt | (ma) heżżiżtx |
| **p3 sg m (huwa)** | heżżeż | (ma) heżżiżx |
| **p3 sg f (hija)** | heżżet | (ma) heżżitx |
| **p1 pl (aħna)** | heżżiżna | (ma) heżżiżniex |
| **p2 pl (intom)** | heżżiżtu | (ma) heżżiżtux |
| **p3 pl (huma)** | heżżu | (ma) heżżux |

Participles

| | Active voice | Passive voice |
|---|---|---|
| **m (maskil)** | | mheżżeż |
| **f (feminil)** | | mheżża |
| **pl (plural)** | | mheżżin |

Kull paġna bħal din t'hawn fuq tagħtik din l-informazzjoni:

- Għażla tal-konjugazzjoni fil-perfett jew fl-imperfett (skont id-'drop down menu' tal-'Aspect').
- Għażla tal-konjugazzjonijiet bil-pronomi mehmużin fil-funzjoni ta' oġġett dirett.
- Għażla tal-konjugazzjonijiet bil-pronomi mehmużin fil-funzjoni ta' oġġett indirett.

Fl-eżempju t'hawn fuq qed naraw il-konjugazzjoni tal-verb 'heżżeż' fil-perfett, fil-pożittiv u fin-negattiv, fil-persuni kollha. Informazzjoni bħal din tingħata għal kull

verb f'dan is-sit. Jiġifieri anke meta ssib il-verb bl-oġġett dirett u indirett, se ssibu fil-pożittiv u fin-negattiv.

Fin-naħa t'isfel tal-paġna ssib il-lista tal-parteċipji tal-istess verb. Fil-każ tal-verb 'heżżeż' tista' tara li għandu l-parteċipju passiv fil-maskil u femminil singular u fil-plural: mheżżeż, mheżża, mheżżin.

Jekk tikteb il-verb li tixtieq tfittex dwaru fil-kaxxa 'search' trid tagħfas fuq il-kelma 'search' miktuba bl-aħdar. Ara dan l-eżempju fejn hemm il-verb bis-suffiss 'benġilthom' wara li ngħafset il-buttuna 'search':




Jekk jien, bħala student tal-MLB li qatt ma ltqajt ma' dan il-verb, ma kontx naf x'inhi l-mamma tiegħu, ktibt 'benġilthom' fil-kaxxa u għafast 'search' issa għandi l-ewwel informazzjoni dwaru, jiġifieri l-mamma, l-għerq, it-tifsiriet possibbli bl-Ingliż, kif ukoll il-possibbiltajiet tat-tifsir morfoloġiku, eż. Jien benġilt lilhom, Int benġilt lilhom. Jekk imbagħad nagħfas fuq 'see all...' titla' l-kumplament tal-informazzjoni u nkun nista' nkompli nfittex dak li nixtieq.

Issa, ara l-konjugazzjoni ta' 'benġel' fil-perfett fil-paġna li jmiss. Din tidher fl-ewwel persuna, bl-oġġett indirett tat-2 persuna, fil-pożittiv u fin-negattiv. Fejn il-kaxxa hija vojta jfisser li ma teżistix forma, għax, ngħidu aħna, f'dan il-każ m'hemmx forma li tfisser li 'jien benġilt lili nnifsi' jew li 'jiena benġilt lilna nfusna'. Biex nesprimi din l-idea rrid nuża l-frażi 'benġilt lili nnifsi'. Iżda lanqas ma nista' ngħid 'jien benġilt lilna nfusna'. Dan is-sit ma jidħolx fl-ispjega sintattika, li trid issir fil-klassi permezz tal-ispjega dwar il-grammatika. Dan is-sit iservi bħala għodda li tgħin fejn s'issa kien hemm nuqqas, jiġifieri fil-konjugazzjoni tal-verbi bis-suffissi pronominali, inkluż fin-negattiv.

## benġel

| | |
|---|---|
| **Part of speech** | VERB |
| **Radicals** | b-n-ġ-l |
| **Senses** | • to bruise<br>• to make the best of a difficult situation and seek to save face |

| | |
|---|---|
| Aspect | Perfective |
| Direct object | |
| Indirect object | p1 sg (jiena) |

| Subject | Positive word | Negative word |
|---|---|---|
| **p1 sg (jiena)** | | |
| **p2 sg (inti)** | benġiltlek | (ma) benġiltlekx |
| **p3 sg m (huwa)** | benġiltlu | (ma) benġiltlux |
| **p3 sg f (hija)** | benġiltilha | (ma) benġiltilhiex |
| **p1 pl (aħna)** | | |
| **p2 pl (intom)** | benġiltilkom | (ma) benġiltilkomx |
| **p3 pl (huma)** | benġiltilhom | (ma) benġiltilhomx |

Hawn taħt ara l-eżempju tal-verb 'benġel' fl-imperfett bis-suffiss tal-oġġett indirett tat-3[et] persuna plural.

| | |
|---|---|
| Aspect | Imperfective |
| Direct object | |
| Indirect object | p3 pl (huma) |

| Subject | Positive word | Negative word |
|---|---|---|
| **p1 sg (jiena)** | nbenġlilhom | (ma) nbenġlilhomx |
| **p2 sg (inti)** | tbenġlilhom | (ma) tbenġlilhomx |
| **p3 sg m (huwa)** | jbenġlilhom | (ma) jbenġlilhomx |
| **p3 sg f (hija)** | tbenġlilhom | (ma) tbenġlilhomx |
| **p1 pl (aħna)** | nbenġlulhom | (ma) nbenġlulhomx |
| **p2 pl (intom)** | tbenġlulhom | (ma) tbenġlulhomx |
| **p3 pl (huma)** | jbenġlulhom | (ma) jbenġlulhomx |

## 5. Kif jista’ jintuża s-sit mal-istudenti

Is-sit jista’ jkun għodda ferm importanti fit-tagħlim. Bħal f’kollox, wieħed irid jipprattika l-lingwa biex isir proficjenti fiha. Dan jgħodd ukoll għat-tagħlim tal-verb u l-użu tiegħu, kif ukoll għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-lingwa kollha. Din it-taqsima toffri diversi ideat ta’ kif jista' jintuża s-sit b'mod effettiv fil-klassi. X’uħud minn dawn is-suġġerimenti jistgħu jintużaw ma’ studenti li għadhom fil-bidu tat-tagħlim tal-Malti filwaqt li oħrajn jgħoddu għal-livell intermedju jew avvanzat. L-istudent u l-għalliem jistgħu jagħżlu dak li jgħodd għalihom. L-għalliem irid jagħżel ukoll dawk l-attivitajiet li jkunu xierqa skont l-età tal-istudenti fil-klassi. X’uħud mill-attivitajiet jistgħu jtulu lezzjoni sħiħa u jkollhom għan marbut mal-grammatika jew mal-kitba jew mal-ortografija jew ma’ xi ħila bħas-smigħ, il-qari, il-kitba u t-taħdit. Xi attivitajiet oħrajn jistgħu jsiru bħala parti minn lezzjoni, jew fi tmiem ta’ xi lezzjoni meta jkun baqa’ xi ħin disponibbli. F’każ li għalliem isib ruħu ma’ klassi biex jissostitwixxi għalliem ieħor u allura ma jkollux lezzjoni ppreparata minn qabel, jista’ faċilment jimplimenta xi attività minn dawn jekk ikollu aċċess għas-sit, jew jekk l-istudenti jkunu kapaċi jfendu mingħajr is-sit.

#### A. L-Iżvilupp tal-vokabularju

L-iżvilupp tal-vokabularju hu importanti waqt kull stadju tat-tagħlim ta’ lingwa, sew jekk tkun il-lingwa nattiva u sew jekk tkun lingwa addizzjonali jew barranija. Ħakma tajba tal-vokabolarju hija meħtieġa wkoll fil-ħiliet kollha, speċjalment għal min fix-xogħol tiegħu juża t-taħdit u l-kitba. Il-verbi jiffurmaw element b’saħħtu mill-vokabolarju tal-Malti.

***i) Il-Verb tal-jum***

Kuljum, l-istudenti jfittxu verb ġdid mis-sit, imbagħad jista’ jsir dan li ġej:

- L-istudenti jiktbu t-tifsira/t-tifsiriet tiegħu.
- L-istudenti jibnu sentenza/i bl-użu tal-verb ikkonjugat skont tifsiriet varji.
- L-għalliem jista’ jitlob lill-istudenti biex jużaw il-verb il-ġdid f’paragrafu qasir.
- F’livell aktar avanzat tista’ ssir diskussjoni fil-klassi dwar kif il-verb il-ġdid jintuża f’kuntesti differenti.

***ii) Identifika l-verb***

L-istudenti jisimgħu strofa minn kanzunetta jew poeżija jew paragrafu qasir minn xi kitba, imbagħad:

- Jidentifikaw il-verbi.
- Janalizzaw il-forma tagħhom, eż. it-temp, l-oġġett dirett u indirett.
- Jaqilbu l-verbi mit-temp li jkunu fih għal temp ieħor, eż mill-perfett għall-imperfett jew vice versa.
- Jaqilbu l-verbi mill-ġens li jkunu fih, eż. mill-maskil għall-femminil jew vice versa.
- Jaqilbu l-verbi mis-singular għall-plural jew vice versa.
- Jaqilbu l-verbi għan-negattiv u/jew għall-imperattiv.

Dejjem ikun tajjeb li l-istudenti jżommu nota fil-pitazz ta' dak li jipprattikaw fil-klassi jew bħala xogħol għad-dar.

***iii) Sib il-verb li ma jaqbilx***

Fil-każ tal-verbi l-għalliem iħejji diversi eżempji fejn f'kull lista jkun hemm xi forma tal-verb li ma taqbilx mal-oħrajn, jista' jkun minħabba t-temp, jew il-persuna, jew in-negattiv jew l-oġġett dirett jew indirett. Dawn huma xi eżempji fejn il-verb li ma jaqbilx għandu sinjal taħtu:

- kiel, qam, ħasel, ħadem, iħaffer
- nikteb, nistudja, nonxor, jiftaħ, norqod
- oħroġ, iftaħ, tiksirx, ħaffef, ikteb
- jixorbuh, jaħsluha, jiftħuh, iraqqduh, jipparkjawh

L-istudenti jintalbu jispjegaw għaliex il-verb li indikaw ma jaqbilx mal-kumplament fil-lista.

***iv) Esplorazzjoni tal-verb***

L-istudenti janalizzaw kif il-verbi jikkontribwixxu għaċ-ċarezza u l-preċiżjoni tas-sentenzi.

- Iqabblu l-kuntesti li fihom jintużaw verbi li għandhom tifsiriet simili iżda li jfixkluhom dwar meta għandhom jużaw wieħed jew l-ieħor.

Eż. "Pawlu qagħad bilqiegħda", "Pawlu kien bilqiegħda"
"Jien mort nara tabib", "Jien mort inżur lill-marid"

- L-istudenti jiktbu xi sentenzi biex juru li fehmu d-differenza fl-użu tal-verbi li jkunu ssemmew.

**B. Għajnuna fl-Ortografija u fil-Grammatika**

L-attenzjoni għall-korrettezza fl-ortografija u l-grammatika għandha tkun drawwa f'kull stadju tat-tagħlim biex jekk ikun hemm l-iżbalji ma jibqgħux jintirtu minn livell tat-tagħlim għall-ieħor. Biex jgħinu f'dan il-għan jistgħu jingħataw dawn it-tipi ta' attivitajiet:

***i) Ikkoreġi l-Iżbalji***

L-għalliem jipprepara paragrafu bi ftit żbalji ortografiċi u grammatikali komuni fil-kitba tal-verbi fil-klassi tiegħu. Imbagħad, l-istudenti jużaw is-sit sabiex jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji. Importanti li x-xogħol jiġi dejjem iċċekkjat mill-għalliem u ssir spjega fejn meħtieġ.

Eż.
*"Iz-ziju kienet jaħseb li n-neputijiet tiegħu ma jiftakarx id-dettalji kollha, imma kienu jaf ħafna affarijiet."*

*Is-sentenza bla żbalji: "Iz-ziju kien jaħseb li n-neputijiet tiegħu ma jiftakrux id-dettalji kollha, imma kienu jafu ħafna affarijiet.*

- L-istudenti jiktbu s-sentenzi jew il-paragrafu bla żbalji.
- L-istudenti jistgħu jagħmlu forma ta' logħba fejn jiktbu xi sentenza li trid tiġi kkoreġuta minn sħabhom.

***ii) Prattika tal-forom u l-konjugazzjoni tal-Verb***

L-istudenti jużaw is-sit sabiex ifittxu forom differenti tal-verb.

Eż. Agħti lill-istudenti l-verb "kiteb" u itlobhom biex ifittxu mis-sit:

- L-imperfett fit-tielet persuna maskil: jikteb
- L-imperfett negattiv fit-tielet persuna maskil: ma jiktibx
- L-oġġett dirett tal-1 persuna singular mal-verb fit-3 persuna singular maskil: jiktibni

U ħafna aktar eżempji minn dawn. Imbagħad, l-istudenti joħolqu paragrafu qasir billi jużaw dawn il-forom tal-verbi b'mod korrett.

**Ċ. L-Iżvilupp tal-ħiliet tal-kitba**

***i) L-iżvilupp tas-Sentenza***

Agħti sentenza bażika lill-istudenti u itlobhom biex jużaw is-sit sabiex isibu aktar verbi biex itawlu s-sentenza.

Eż.
Sentenza bażika: *Il-mara qiegħda bilqiegħda.*
Verżjoni żviluppata: *Il-mara qiegħda bilqiegħda fuq bank fil-ġnien, tħares lejn l-għelieqi, tiekol it-tuffieħa, u tixrob l-ilma.*

Din tista' ssir forma ta' logħba fi gruppi. Jibda s-sentenza bażika membru tal-grupp u kull min imissu jżid frażi sakemm kull membru tal-grupp ikun ta sehmu. Fl-aħħar jiktbu s-sentenza.

***ii) Sib aktar verbi skont il-kuntest***

Ikteb lista ta' verbi li jistgħu jservu biex jiddeskrivu l-azzjoni ta' xi ħadd għaddej fit-triq: mexa, ġera, waqaf, stenna, eċċ., jew xi attività oħra li jistgħu anke jissuġġeruha l-istudenti stess.

Ħalli lill-istudenti jiktbu paragrafu dwar dik l-attività billi jużaw verbi li jesprimu l-istess ħaġa jew simili, jew kuntrastanti, u li jistgħu jfittxuhom minn fuq is-sit.

***iii) Min jikteb l-itwal katina ta' verbi***

Bħalma semmejna qabel, waħda mid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħha l-istudenti tal-Malti, speċjalment dawk li ma jużawx il-Malti fil-ħajja ta' kuljum, huwa l-fatt

li fil-Malti spiss nużaw katina ta' verbi u x'uħud minn dawn il-verbi jkunu fl-imperfett u oħrajn fil-perfett u kollha flimkien ikunu jesprimu tifsira ġdida. Għalhekk, tajjeb li tingħata ħafna prattika dwar dan. L-ewwel nissuġġerixxu li ssir riflessjoni fuq ktajjen ta' verbi li l-istudenti jaqraw jew jisimgħu, u mbagħad jgħaddu biex jipprattikaw billi joħolqu ktajjen huma. Biex jagħmlu hekk jistgħu jużaw is-sit tal-verbi. Jista' jsir taħriġ hekk:

Minn xi siltiet

- L-istudenti jfittxu ktajjen ta' verbi bi 3 verbi, bħal 'kont noħroġ nixtri'.
- L-istudenti jfittxu ktajjen ta' verbi b'4 verbi kollha fl-imperfett, bħal 'nixtieq nista' noqgħod norqod'.
- L-istudenti jfittxu ktajjen ta' verbi bi 3, 4 jew aktar fejn mhux il-verbi kollha jkunu fl-istess temp, eż. 'kont ridt immur narah'.
- Mingħajr għajnuna, l-istudenti jifformulaw b'mod oriġinali ktajjen ta' verbi bi 2, 3, 4 jew aktar fejn il-verbi kollha jkunu (i) fl-istess temp, jew (ii) f'tempi differenti.

Dan it-taħriġ jista' jsir forma ta' kompetizzjoni bejn pari jew gruppi ta' studenti, ngħidu aħna, min ilesti l-ewwel, jew min isib l-aktar ktajjen ta' verbi korretti, jew min jirnexxilu jaqta' xi jfissru l-ktajjen tal-verbi misjuba jew miktuba minn grupp ieħor.

**D. Fehim is-Smigħ u l-Qari**

***i) Fehim is-smigħ***

L-istudenti jisimgħu silta qasira li tkun irrekordjata jew moqrija mill-għalliem. L-istudenti jidentifikaw dawk il-verbi li jisimgħu u ma jafux xi jfissru.

Imbagħad jużaw is-sit biex:

- Ifittxu t-tifsira tal-verbi.
- Jidentifikaw it-temp u l-aspett tal-verbi.
- Iżidu xi suffissi mal-verbi.
- Jikkonjugaw u jużaw il-verbi b'mod korrett.

***ii) Fehim il-qari***

L-istudenti jingħataw silta qasira b'verbi kumplessi sabiex jaqrawha. L-istudenti jidentifikaw il-verbi li ma jafux u jużaw is-sit sabiex:

- Ifittxu t-tifsira tal-verbi.
- Jidentifikaw l-aspett u t-temp tal-verbi.
- Jikkonjugaw il-verbi.
- Jiktbu s-silta fil-qosor u fi kliemhom.
- Jużaw il-verbi f'sentenzi billi jwieġbu għall-mistoqsijiet dwar is-silta tal-qari.

**E. Tagħlim b'mod awtonomu jew indipendenti**

It-tagħlim b'mod awtonomu huwa l-iżjed tagħlim li jservi għal tul ta' żmien għax jibqa' fil-memorja minħabba li l-istudenti jkunu wettquh b'interess intrinsiku jew ġenwin, u anke minħabba l-fatt li jkunu waslu għalih b'mod attiv. Student awtonomu jfittex, jistaqsi, jaqra, jikteb, eċċ. b'inizjattiva tiegħu stess. Wieħed jista' jkun awtonomu sew jekk jaħdem b'mod indipendenti kif ukoll jekk jaħdem fi grupp ma' sħabu tal-klassi. F'sistema ta' tagħlim awtonomu, li tista' tkun parti jew element mit-tagħlim ta' matul is-sena, l-istudenti jkunu inkoraġġiti biex ifasslu xi għan tat-tagħlim tagħhom stess, jagħżlu l-attivitajiet li jwassluhom għall-kisba tal-għan, jikkonsultaw fejn meħtieġ u jevalwaw it-tagħlim tagħhom stess. Hawn issib xi eżempji kif jista' jsir tagħlim b'mod awtonomu b'rabta mal-verb.

***i) Kitba ta' lista personali tal-verbi***

- Kull student joħloq lista personali ta' verbi li jużа ta' spiss.
- L-istudenti jorganizzaw dawn il-listi f'temi, eż. verbi ta' azzjoni, verbi ta' stat, verbi ta' moviment.
- L-istudenti jiktbu eżempji ta' sentenzi għal kull verb fil-lista.

Eż. Tema: Verbi ta' Azzjoni

- Mexa: It-tifel jimxi bil-mod ħafna.
- Sellem: Rita ssellem lill-ġara tagħha kull filgħaxija.

***ii) Aqta' l-verb mill-azzjoni***

L-istudenti jintalbu biex jaħsbu f'xi azzjoni li jistgħu jagħmlu l-mima tagħha. Imbagħad kull student joħroġ quddiem il-klassi u jagħmel il-mima waqt li sħabu

jridu jaqtgħu l-azzjoni li jkun qed jagħmel. L-għalliem jikteb il-lista tal-verbi li jkunu ntużaw u għal kull verb jista' jsir taħriġ dwar il-konjugazzjoni tiegħu u l-użu tas-suffissi, jew anke jintuża f'kitba kreattiva.

***iii) Proġetti ta' riċerka fi grupp***

Agħti topiks lil gruppi ta' studenti sabiex jirriċerkaw dwarhom. F'kull każ jintuża s-sit għal aktar informazzjoni dwar kull verb. Pereżempju:

- Jattendu xi attività kulturali u jieħdu nota ta' dak li osservaw. Imbagħad jitkellmu quddiem il-klassi jew jiktbu dwarha, filwaqt li sħabhom jieħdu nota tal-verbi.
- Grupp ta' studenti jirriċerkaw dwar il-ħrejjef popolari Maltin billi jfittxu verbi ta' azzjoni li jiddeskrivu drawwiet tradizzjonali.
- Fil-klassi jew individwalment tinħoloq kaxxa tal-verbi. Wara kull lezzjoni jpoġġu karti bil-verbi ġol-kaxxa. Kultant żmien jistgħu jtellgħu karta u jirrevedu dawk il-verbi.

**F. Approċ Plurilingwi fit-tagħlim tal-Malti**

L-approċ plurilingwi fit-tagħlim tal-lingwi, inkluż tal-Malti, iservi ta' għajnuna kbira, u ta' ħafna motivazzjoni u armar ('scaffolding') konjittiv. Illum il-ġurnata hemm studji u dokumenti li jispjegaw il-vantaġġi ta' din il-metodoloġija li tinkludi l-Fehim Interlingwali ('Intercomprehension') bejn lingwi differenti, it-Tagħlim Integrat ('Integrated Didactic Approach'), il-Qawmien Favur il-Lingwi ('Awakening to Languages') u l-Metodu Interkulturali ('Intercultural Approach'). Fi ftit kliem, il-metodoloġija plurilingwi tħeġġeġ l-użu ta' aktar minn lingwa waħda waqt xi attività jew waqt il-lezzjoni, fuq naħa waħda sabiex l-istudenti jinkludu l-lingwi li jkunu jafu u jużawhom biex jakkwistaw lingwa ġdida, u fuq in-naħa l-oħra sabiex jiltaqgħu dejjem iżjed ma' lingwi li jistgħu jkunu mitkellma minn sħabhom jew li jkunu kompletament ġodda għalihom. Aħna nafu mill-esperjenza u r-riċerka tagħna li l-approċ plurilingwi jagħti mbutattura tajba lit-

tagħlim tal-MLB. Wieħed isib aktar informazzjoni dwar dan f'Camilleri Grima (2020)[14], Camilleri Grima (2022)[15] u Camilleri Grima (2024)[16].

***i) Traduzzjoni tal-verbi***

L-istudenti jagħżlu xi silta li togħġobhom b'xi lingwa li jridu huma, imbagħad:

- Jagħmlu lista tal-verbi fis-silta.
- Jittraduċu dawk il-verbi għall-Malti.
- Isibu l-mamma ta' kull verb.
- Jikkonjugaw il-verbi.
- Ifittxu partijiet tad-diskors oħra mibnija bl-istess għerq.
- Jekk il-verb ma jkunx semitiku jsibu z-zokk.
- Jiktbu s-silta kollha bil-Malti.

***ii) Tqabbil tal-verb b'mod plurilingwi***

- Peress li s-sit jagħti traduzzjonijiet għall-Ingliż, l-istudenti jistgħu jqabblu l-verbi bil-Malti mal-ekwivalenti tagħhom mhux biss fl-Ingliż, iżda wkoll f'lingwi oħra, speċjalment fil-lingwi li jkunu jafu l-istudenti internazzjonali fil-klassi.
- L-istudenti josservaw u jiddiskutu ċertu xebh jew xejriet fost il-lingwi. Fl-eżempju t'hawn taħt jistgħu jinnutaw ix-xebh bejn il-verbi fil-Franċiż u fit-Taljan, u b'xi mod bejn l-Ingliż u l-Ispanjol. L-importanti mhux li jkunu preċiżi, iżda li jitħarrġu fit-tqabbil bejn lingwa u oħra.

Eż.

| **Malti** | **Ingliż** | **Franċiż** | **Taljan** | **Spanjol** | **Ġermaniż** | **Għarbi** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| qiegħed | to put | mettre | mettere | poner | legen | لوضع |

[14] Camilleri Grima, A. (2020). *Bil-Kelma t-Tajba. Prinċipji u Kreattività fil-Pedagoġija tal-Lingwa*. Klabb Kotba Maltin.
[15] Camilleri Grima, A. (2020). Teaching Maltese as a Foreign Language using a Pluralistic Pedagogy. In L. Veliz (Ed.) *Multiculturalism and Multilingualism in Education* (pp. 127-144). Brill.
[16] Camilleri Grima, A. (2024). Adopting Pluralistic Approaches when teaching an Additional Language. In A. Krulatz, G. Neokleous & A. Dahl (Eds) *Theoretical and Applied Perspectives in Teaching Foreign Languages in Multilingual Settings: Pedagogical Implications* (pp. 237-254). Multilingual Matters.

Id-dokument tal-Kunsill tal-Ewropa dwar it-tagħlim tal-lingwi b'mod pluralistiku[17] u s-sit https://carap.ecml.at/en/ jistgħu jkunu ta' għajnuna f'dan ir-rigward.

***iii) Il-Prattika tal-kitba mill-ħajja reali plurilingwi***

- L-istudenti jiktbu testi użati fil-ħajja reali, eż. messaġġi elettroniċi, djalogi, powsts fuq il-midja soċjali, waqt li jużaw dan is-sit.
- L-istudenti mħeġġin jinkorporaw kliem jew frażijiet minn lingwi oħra li jafu, jittraduċuhom waqt li jsaħħu l-konnessjonijiet bejn il-lingwi.
- L-għalliema jistgħu joffru għajnuniet  multilingwi fosthom billi jħejju:

  - Manwal tal-Istruzzjoni. Dan il-manwal ikun fih gwida dwar kif trid issir xi attività pass pass bil-Malti, iżda li fih jintużaw verbi b'xi lingwi oħra li jkunu jafu l-istudenti. Wara li l-istudenti jifhmu l-gwida jaqilbu l-verbi għall-Malti.

  - Spjega ta' Proċess. Din tkun deskrizzjoni qasira ta' kif tagħmel xi ħaġa tal-ikel jew xi biċċa xogħol oħra, iżda jkun fiha biss il-verbi bil-Malti. Wara li l-istudenti jifhmu l-proċess jistgħu jaqilbuha kollha għall-Malti.

  - Lista ta' Direzzjonijiet**.** Dawn ikunu direzzjonijiet bil-Malti, ngħidu aħna kif tasal minn punt A għal punt B, iżda li jinkludu wkoll verbi ewlenin fil-lingwi nattivi tal-istudenti. Fejn l-għalliema ma tkunx taf il-lingwi għandhom jintalbu biex jiktbuhom l-istudenti nfushom.

Meta fil-lezzjoni tingħata attenzjoni lil-lingwi tal-istudenti, huma jsaħħu l-ħiliet tagħhom fil-Malti u jtejbu l-għarfien ġenerali lingwistiku tagħhom, u b'hekk it-tagħlim ikun aktar dinamiku  (Paris u Farrugia, 2023[18]). Nafu mill-istudji li saru f'Malta u barra minn Malta, kif ukoll mill-esperjenza tagħna u ta' għalliema oħra, li meta fil-klassi ta' lingwa barranija l-għalliema turi interess fil-lingwi oriġinali tal-istudenti, u tagħti spazju biex l-istudenti jinvolvu l-lingwi tagħhom, it-tagħlim tal-lingwa l-ġdida jsir b'pass aktar mgħaġġel u effettiv.

[17] Candelier, M., Camilleri Grima, A., Castellotti, V., de Pietro, J-F., Lörincz, I., Meissner, F-J., Noguerol, A. & Schröder-Sura (2012). *A Framework of Reference for Pluralistic Approaches to Languages and Cultures*. Council of Europe.

[18] Paris, A. & Farrugia, M.T. (2019). Embracing multilingualism in Maltese schools: from bilingual to multilingual pedagogy. *Cahiers internationaux de sociolinguistique, 16*(2), 117-140.

## 6. L-awgurju tagħna

Sakemm morna għall-istampa, fis-sit kien hemm 442 verb. Għal kull verb, hemm 48 paġna u 1,518 possibbiltà ta' konjugazzjoni. Is-seba' persuni personali jidhru:

- kemm bħala suġġett kif ukoll bħala oġġett dirett u indirett
- f'temp u aspett differenti
- f'polarità differenti, i.e. fil-pożittiv u n-negattiv.

Jingħataw ukoll il-forom parteċipjali tal-attiv u l-passiv.

Dawn il-442 verb huma meqjusin l-aktar komuni u bżonjużi b'mod partikolari għall-istudenti tal-MLB. Hemm għadd ta' verbi oħra, użati inqas spiss, li jistgħu u għandhom jiżdiedu ma' din il-ġabra. Matul l-2025 se nkunu qed inżidu aktar verbi. Verbi oħrajn ikunu jistgħu jibqgħu jiżdiedu dment li jkun hemm il-fondi meħtieġa.

Is-sit tal-verbi huwa aktar minn sempliċement għodda biex tfittex il-verbi. Das-sit hu riżorsa li meta tkun użata tajjeb fit-tagħlim isservi ta' appoġġ għall-ortografija, il-kitba, il-grammatika, il-pronunzja, il-fehim il-qari, il-fehim is-smigħ u t-tagħlim awtonomu u indipendenti. B'dan il-mod, l-istudenti jistgħu jiżviluppaw mod aktar preċiż u naturali kif jesprimu ruħhom bil-Malti. Kull min jikteb bil-Malti wkoll għandu jsib ħafna x'jgħinu fis-sit.

Nittamaw li jkun possibbli li dan is-sit ikompli jżid l-għadd ta' verbi, u nawguraw lil min qed jispeċjalizza fl-Intelliġenza Artifiċjali biex flimkien ma' esperti tal-Malti u tal-pedagoġija tal-Malti jkompli jiżviluppa dan il-qasam. Aħna nerfgħu r-responsabbiltà li niggwidaw lil kul min irid jibda jew ikompli jgħallem u jitgħallem il-Malti biex jagħmel dan bl-iżjed mod effettiv, effiċjenti u motivanti possibbli.

## Kelmtejn minn għalliema tal-Malti

Bħala għalliema tal-Malti bħala lingwa nattiva kif ukoll bħala lingwa barranija nemmen li l-imħabba lejn il-Malti għadha fostna. Illum il-ġurnata rridu nikkunsidraw li l-ammont ta' barranin li qegħdin jitgħallmu u jinteressaw ruħhom fit-tagħlim tal-Malti qiegħed jikber, għalhekk jiena tal-fehma li trid tiġi minna l-Maltin li nkellmuhom u nħeġġuhom sabiex ikomplu jtejbu t-tagħlim tagħhom. Naturalment, dan mhuwiex faċli speċjalment minħabba l-kumplessità tal-Malti; lingwa magħmula minn tliet elementi. Fil-fatt, qed insibha ta' sfida sabiex ngħallem ċertu regoli u bidliet li jvarjaw minn element barrani għal ieħor. Minkejja dan, inħoss ċertu sodisfazzjon meta studenti, speċjalment barranin, jippruvaw jegħlbu dawn id-diffukultajiet sabiex jintegraw fis-soċjetà Maltija.

Christina Galea

Il-Malti bħala Lingwa Barranija huwa suġġett għal qalbi ħafna minħabba li biex tgħallmu trid tassew tidħol fil-bażi tal-lingwa, tħoss in-namra għas-suġġett u tittrasmettiha lil individwi ta' kulturi u nazzjonalitajiet differenti. Inħoss li huwa d-dmir tiegħi li nippromwovi l-Malti. Permezz ta' dan is-suġġett qed ngħaddi parti mill-identità tagħna lil nies li ġejjin minn madwar id-dinja sabiex huma wkoll jiskopru dan il-wirt lingwistiku uniku tagħna. It-teżi tiegħi tal-MTL kienet dwar dan is-suġġett għax kelli kurżità kbira sabiex niskopri x'inhuma dawk id-diffikultajiet li jsibu l-istudenti li qed jitgħallmu l-MLB u xi jsibu faċli sabiex bħala edukaturi nkunu nistgħu nadattaw għalihom u nespandu t-tagħlim. Bħalissa qed nagħmel il-Postgraduate Certificate in Teaching Maltese as a Foreign Language sabiex inkompli nispeċjalizza fuq dan is-suġġett u flimkien mal-prattika nkompli nsaħħaħ it-teorija.

Luana Borg

Apprezzajt immens meta kont ġejt mitlub biex nirrevedi u nikkoreġi l-verbi. Kien xogħol pjuttost impenjattiv imma ta' sodisfazzjon għax kont naf li se nkun qed nikkontribwixxi u ngħin fil-qasam tal-Malti. Is-sit tal-verbi huwa utli għal kulħadd, speċjalment għall-istudenti tal-Malti u għall-barranin li qed jitgħallmu l-Malti bħal Lingwa Barranija. Għalhekk, kien meħtieġ li jsiru ċertu tiswijiet sabiex is-sit ikun sors affidabbli.

Franklyn Baldacchino

## L-imħabba għall-Malti

Jien bdejt nitgħallem il-Malti meta kont qed infittex xi ħaġa differenti biex narrikkixxi ftit iżjed lil ħajti. Għall-ewwel ma kontx ċert mill-għażla imma issa kuntent u kburi li komplejt għax avolja l-verbi Maltin huma kkumplikati sirt inħobb ħafna lil Malta u l-Malti. Li hemm bżonn hu li wieħed jagħmel dak l-isforz biex jitgħallem il-Malti b'imħabba.

*Ioannis Ikonomou, Lingwista Grieg, Jaf juża tajjeb 32 lingwa*

Il-verbi Maltin lili fetħuli triq ġdida għal mod ta' ħsieb differenti peress li ma jinbnewx bl-istess mod li kont imdorrija bih fil-lingwi kollha li studjajt. U dan il-mod ġdid ta' ħsieb kien eżerċizzju intellettwali sodisfaċenti immens għalija, u li wassalni biex nifhem b'mod aktar profond kultura ġdida u mod ta' ħajja differenti.

*Erika Jacobs-Meaudre, Traduttriċi Żvediża mal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea*

Jien tgħallimt il-Malti għax inħobb lil Malta u għax nixtieq li nifhem lill-Maltin. Għalija dan ma kienx faċli minħabba l-element li ġej mill-Għarbi. Nixtieq ngħid li l-verbi huma importanti u utli ħafna fil-Malti għax jagħtu struttura lis-sentenza u mingħajrhom ma tifhem xejn.

*Ode Jacquemin, Belġjana, Impjegata tal-Parlament Ewropew*
*Ilha 10 snin tqatta' s-sajf kollu Malta bil-familja.*

Nifraħ lill-kollegi Antoinette Camilleri Grima u Jacqueline Żammit għal dan il-proġett li rnexxielhom iwettqu bl-għajnuna u l-kontribuzzjonijet ta' diversi kollegi minn entitajiet differenti fl-Università. Nawgura li dan ix-xogħol ikun għodda utli għal kull min ikun interessat juża l-Malti tajjeb, kemm fil-lingwa mitkellma kif ukoll fil-kitba. Riċerka u publikazzjoni ta' din ix-xorta torbot sew ma' diversi temi tal-Pjan Strateġiku 2020–2025 tal-Università, fejn ir-riċerka tilħaq l-għan aħħari tagħha, jiġifieri li jkollha impatt pożittiv fuq is-soċjetà għax tkun aċċessibbli, u dak li toħloq ikun jista' jintuża minn kulħadd u jinxtered lil hinn mill-akkademiku.

**Prof. Valerie Sollars**
*Pro-Rettur, L-Università ta' Malta*

## L-awturi

**Antoinette Camilleri** Grima hija Professur tal-Lingwistika Applikata fl-Università ta' Malta. Hija għallmet diversi suġġetti fil-livell sekondarju fl-iskejjel primarji u sekondarji f'Malta u l-Malti bħala Lingwa Barranija lill-impjegati tal-Istituzzjonijiet fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll kitbet żewġ serje għar-radju fit-tagħlim tal-MLB. Hija mexxiet diversi konferenzi tal-Kunsill tal-Ewropa fiċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni dwar il-lingwi fl-edukazzjoni, u ppubblikat ħafna kotba u artikli f'kotba u ġurnali akkademiċi internazzjonali dwar l-edukazzjoni bilingwi, il-kompetenza interkulturali, l-awtonomija tal-istudent u s-soċjolingwistika. Hija ko-awtriċi tad-dokument tal-Kunsill tal-Ewropa *A Framework of Reference for Pluralistic Approaches to Languages and Cultures*. Ilha għal numru ta' snin mistiedna regolari biex tagħti lekċers fl-Universitajiet ta' Edinburgh, Limerick, Strasbourg, Antwerp, Udine u Enna Kore. Hija editriċi assoċjata tal-ġurnal xjentifiku internazzjonali *Journal of Multilingual Theories and Practices*.

**Jacqueline Żammit** hi lettriċi anzjana tal-pedagoġija tal-Malti fid-Dipartiment tal-Lingwi u l-Istudji Umanistiċi fl-Edukazzjoni, fl-Università ta' Malta. Għal aktar minn ħmistax-il sena għallmet l-Ispanjol bħala lingwa barranija u l-Malti kemm bħala l-ewwel lingwa kif ukoll bħala Lingwa Barranija fl-iskejjel sekondarji. Tat lekċers dwar il-Malti u l-Pedagoġija tal-Lingwi fl-Universitajiet ta' Edinburgh, Cork, Innsbruck, u Antwerp. L-oqsma tal-ispeċjalizzazzjoni u l-interessi tar-riċerka tagħha huma diversi, u ppubblikat f'kotba u ġurnali akkademiċi dwar l-akkwist tat-tieni lingwa, il-Malti bħala Lingwa Barranija, it-tagħlim tal-lingwi megħjun mill-kompjuter, l-interlingwa, l-interkulturaliżmu, il-multikulturaliżmu, il-plurilingwiżmu, is-soċjolingwistika, il-psikolingwistika, il-komunikazzjoni transkulturali, u l-edukazzjoni tal-adulti. Żammit hija editriċi assoċjata tal-ġurnal *Humanities & Social Sciences Communications* ta' Springer Nature.

L-Università ta' Malta

**Il-Fakultà tal-Edukazzjoni**
ID-DIPARTIMENT TAL-LINGWI U L-ISTUDJI UMANISTIĊI FL-EDUKAZZJONI

**Il-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni**
ID-DIPARTIMENT TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI